REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1738

tas-16 ta' Novembru 2020

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Asparago verde di Altedo" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Asparago verde di Altedo", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 492/2003 ([2]).

(2) Peress li l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), l-applikazzjoni għall-emenda kif meħtieġ skont l-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament.

(3) Peress li l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Asparago verde di Altedo" (IĠP) hija approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 492/2003 tat-18 ta' Marzu 2003 li jissupplementa l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-"Reġistru tal-ismijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni tal-identifikazzjoni ġeografika u l-ismijiet tal-oriġini għal ċerti prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (Soprèssa Vicentina, Asparago verde di Altedo, Pêra Rocha do Oeste) (ĠU L 73, 19.3.2003, p. 3).

([3]) ĠU C 221, 6.7.2020, p. 7.